MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 75/2001/1

Avviz Nru:-75/01DM

Francis Busuttil & Sons Ltd

Vs

Josephine Nind

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' somma ta' hames mija u wiehed u tletin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm531.53,0) rappresentanti l-bilanc mill-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata f'diversi okkazjonijiet, mis-socjeta attrici, fuq ordni taghha, skond statement li kopja tieghu qed tigi annessa bhala dokument "A".

Bl-imghax mis-26 ta' Settembru 2000 u bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni, u bl-ispejjes tal-Mandat ta' Sekwestru presentat kontestwalment.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Nind fejn eccepiet illi:

1 It-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont dovut huwa inferjuri ghall-ammont pretiz mis-socjeta attrici ta’ Lm531.53 stante li minn dan l-ammont trid titnaqqas ‘invoices’ li digia thallset bi flus kontanti, kif ukoll oggetti imnizzla fl-‘invoice’ li pero’ qatt ma gew ikkonsenjati lill-konvenuta, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2 Il-konvenuta kemm-il darba ghamlet tentattivi biex tkellem u konsegwentement, thallas dak dovut minnha izda kull tentattiv kien ghal xejn u ghalhekk il-konvenuta m’ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-kawza;
3 Il-konvenuta m’ghandhiex tbati spejjez ta’ din il-procedura kif ukoll interessi fuq l-ammont mitlub stante li qatt ma kien hemm interpellazzjoni da parti tas-socjeta attrici, anzi kienet il-konvenuta li offriet li thallas l-ammont minnha dovut, u stante li kienet l-istess socjeta attrici li waqfet il-konswetudni li ‘sales agents’ taghha jigbru l-flus darbtejn f’gimgha, liema procedura kienet dejjem uzata mis-socjeta attrici
4 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut tirrigwarda esklussivament fl-invoice tas-6 ta’ Settembru 2000 bin-numru 28801 u sosstni illi din l-invoice kellha tkun ta’ valur ta’ Lm68.69 (tmienja u sittin lira Maltin u disa’ u sittin centezmu) kif jirrizulta mill-kopja esibita a fol 28 (tal-process ) u mmarkata JN12, u inoltre sosstni illi din illi l-ammontipprezentat f’din l-invoice gie mhallas in kontanti dak in-nhar stess tal-konsenja u ghalhekk ebda riferenza ghal din l-invoice ma kellha tigi nkluza fl-istatment.

Ghalhekk jispetta lill-atturi illi jipprovaw il-konsenja totali tal-merkanzija indikata fl-istess invoice biex imbaghad il-konvenuta tipprova li ghamlet il-hlas.

Mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuta kkontestat il-fatt illi saret il-konsenja tal-merkanzija indikata fl-invoice in kwistjoni, izda tilmenta li dwar din l-invoice kien hemm xi disgwidi fis-sens illi l-konvenuta u x-xhud minnha prodotta sosstnu illi l-pagament kien effettivament sar in kontanti fis-somma indikata fl-invoice, u effettivament fuq l-invoice esibita mill-istess konvenuta hemm indikati l-kelma “paid” fuqha u anke firma, waqt li min-naha l-ohra l-atturi sosstnu illi l-konsenja regghet giet irtirata billi ma kienx sar il-pagament cash kif stipulat fuq l-invoice u l-konsenja saret ‘on credit’.

Evidentement din il-kelma “paid” ghall-ammont imhallas in kontanti lid-driver li kien ikkonsenja l-merkanzija, setghet giet miktuba biss minn dan id-driver u ghalhekk fin-nuqqas tal-kumpanija attrici illi tipproduci id-driver in kwistjoni biex jikkonferma jew jinnega illi kien irceva l-flus u kiteb il-kelma “paid”, iwwassal biex il-Qorti jkollha taccetta illi effettivament l-invoice bin-numru 28801 a fol 28 (tal-process) tinsab imhallsa.

Mill-‘istatement’, esibit mill-kumpanija attrici flimkien mal-avviz (dokument A a fol 2 tal-process), jirrizulta illi l-konvenuta qed tigi addebitata biss is-somma ta’ Lm48 69 ( tmienja u erbghin lira Maltin u disa’ u sittin centezmu) minghajr ebda spjegazzjoni ghaliex dan l-ammont gie indikat minflokk l-ammont intier tal-invoice.

Jidher ukoll, fl-istess statement esibit, illi l-ghoxrin lira Maltin (Lm20) illi definittivament thallsu akkont mill-konvenuta skond l-ircevuta tal-1 ta’ Frar tas-sena 2001 (kopja esibita a fol 34 tal-process dokument JM13), ma gewx imnaqqsa.

Evidentement din is-somma mhallsa ma setghetx tigi mnaqqsa peress illi l-istatement hareg fit-31 ta’ Jannar

tas-2001; izda ebda nota ta' riduzzjoni ma giet mdahhla fil-process biex tindika dan il-pagament.

Ghalhekk definittivament ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm20 (ghoxrin lira Maltin) mill-ammont illi qed jitolbu l-atturi.

Mid-dokument JN1 a fol 16 tal-process, jirrizulta ukoll illi fl-istatment mahrug fl-istess gurnata ta 31 Jannar 2001 u notifikat lill-konvenuta (li wkoll ghalhekk ma jiehux in kunsiderazzjoni il-pagament ta' Lm20 (ghoxrin lira Maltin)) jindika bhala bilanc totali s-somma ta' Lm511.53 (hames mija u hdax il-lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu) li ghalhekk jimplika illi l-bilanc dovut fl-1 ta' Frar ta' dik is-sena kellu jkun ta' Lm491.53 (erba' mija u wiehed u disghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu).

Dawn l'isvisti ghalhekk, da parti tal-kumpanija attrici, innehhu hafna mill-affidabilita' illi din il-Qorti tista' taghti lill-konteggi minnhom maghmula u ssib li ghalhekk hija gustifikata li taccetta illi mill-bilanc ta' Lm491.53 (erba' mija u wiehed u disghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu) li, skond id-dokumenti rilaxxati mill-atturi, jidher illi huwa l-ammont illi qed jippretendu bhala dovut lilhom, is-somma rappresentata wkoll mill-invoice 28801 tas-6 ta' Settembru tas-sena 2000 fis-somma ta' Lm68.69 (tmienja u sittin lira Maltin u disa' u sittin centezmu) biex b'hekk il-bilanc dovut lill-kumpanija attrici ghandhu jkun ta' Lm423 (erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin)

Izda billi l-konvenuta min-naha taghha taccetta illi l-ammont minnha dovut ghandhu jkun ta' Lm424, eskluz l-imghax, jidher illi l-verzjoni moghtija mill-konvenuta hija l-unika wahda affidabbli u l-Qorti qieghda taccetta l-verzjoni taghha.

Ghalhekk tistabbilixxi l-ammont illi huwa dovut mill-konvenuta lill-atturi fis-somma accettata tal-istess konvenuta ta' Lm433.23 (erba' mija tlieta u tletin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) ghas-saldu wkoll tal-imghax skadut, u f'dan is-sens tilqa t-talba attrici.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez il-konvenuta sosstni illi dejjem kienet pronta illi thallas dan l-ammont izda riedet taghmel dan il-pagament ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha attrici li min-naha taghhom ma kienux pronti li jaccettawh. Ghalkemm Michael Busuttil, rapprezentant tal-kumpanija attrici, jiddikjara illi qatt ma kien gie avvicinat b'xi tentattiv ta' transazzjoni, l-Qorti issib illi l-konvenuta wriet certa affidabilita' matul dawn il-proceduri u ssib illi l-verzjoni taghha hija iktar accettabbli w ghaldaqstant tordna illi l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------